Kunsill Lokali Kalkara ( Kalkara Local Council )
1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara. Malta KKR1330
Email: Kalkara.lc@gov.mt Tel. No: 0035621665500
Website: www.kalkaralocalcouncil.com Fax. No: 0035621665566

**Seduta nru 3/09-10**

**Data**: 20/08/09

**Hin**: 17.30p.m.

**Post**: Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti**: Michael Cohen – Sindku
Norbert Grech – Vici Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti:**

1. Il-minuti tal-laqgha gew approvati wara zewg korrezzjonijiet fuq proposta tas-Sindku Michael Cohen sekondat mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

2: **Mill-Minuti:-**

2.1: L-Onor Michael Falzon ma setax jattendi ghal-laqgha pero talab li jerga jigi mistieden ghas-seduta li jmiss.

2.2: L-ittra tal-festa tal-Vitorja tal-Isla – Saret in-No Objection bil-kundizzjonijiet tas-soltu pero wara li jghaddu l-festi ser isiru l-arrangamenti necessarji biex isiru l-laqghat mal-Kazini rigward il-hruq tan-nar. Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet l-argument fuq il-hruq tan-nar minn fuq barkun. Is-Sindku qal li jekk il-problema biex jaharqu minn fuq il-barkun tkun problema finanzjarja, ghandu jinsab kompromess ta' kif jistghu jinstabu l-fondi necessarji.

2.3: Proposta tac-Cimiterju – Il-process qieghed fi stadju avvanzat u qeghdin nistennew ir-risposta minn ghand id-Dipartiment tal-Artijiet.

2.4 Proposta ta' Attivitajiet –

- Il-Kuncert t' Awwissu sar u jmiss il-kuncert ta' Settembru. Dawn huma attivitajiet li mhumiex ser jiswew fondi lill-Kunsill peress li ntalbu numru ta' sponsors. Qed isiru arrangamenti sabiex dan il-kuncert jintwera fuq it-televizjoni biex b'hekk ikun hemm aktar cans ghall-sponsors. Waqt is-serata ser tittella lotterija minn Dar il-Wens.
- Attivita tat-28 ta' Awwissu – L-attivita ser issir b'kollaborazzjoni mal-agenzija Sedqa u l-Wasteserv peress li l-grupp tal-breakdance ma setghux jiehdu sehem.

- Il-Vici Sindku Norbert Grech ippropona li ssir loghoba bejn it-team tal-football prezenti u dawk il-players li hargu mill-Kalkara. Huwa ppropona li ssir loghoba ohra bejn il-kazini. Is-Sindku qal li dawn l-attivitajiet ikunu ideali li jsiru ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara.
- Il-Kunsilliera Speranza Chircop ppproponiet ukoll zjara kordjali ghall-anzjani mal-President tar-Repubblika fil-palazz tieghu f'San Anton. Is-Sindku qal li din ghandha ssir wara Jum il-Kalkara f'Dicembru 2009.

2.5 Youth Exchange
Iz-Zjara taz-zghazagh taghna fis-slovakkja kienet success fejn iz-zghazagh taghna ghamlu hafna hbieb mill-pajjizi membri ta dan il-progett minn Spanja, l-Italja u Slovakkja u sahansitra ghamlu hbieb bejn il-maltin stess. Il-Kunsill ser jerga jaghmel il-kuntatti necessarji ghal-progetti ohra ta' l-istess tip.

2.6 Mill-Aggornament
Mill-aggornament tal-Kunsilliera Maria Sultana rega qam il-kaz tal-gheluq tal-ventelaturi. Is-Sindku qal li ghandha tintbghat ittra ta' nformazzjoni lir-residenti ta' Triq San Mikiel. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet ukoll li important li terga titwahhal il-mera mal-hajt ta' Triq Rinella faccata ta' Triq San Mikiel.

## 3. **Korrispondenza**

3.1 Ittra mill-Klabb tar-Regatta - Intbghatet ittra mis-Segretarju tal-Klabb tar-Regatta fejn qieghed jinforma lill-Kunsill b'attivita li ser tigi organizzata f'Settembru. Il-Kalbb tar-Regattai talab l-ghajnuna tal-Kunsill Lokali permezz ta' donazzjoni ta' 150 Ewro. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u s-Sindku ghadda l-ittra lill-Vici Sindku, Norbert Grech bhala l-kunsillier inkarigat mill-Isports sabiex jaghmel l-arrangamenti necessarji mal-Klabb tar-Regatta.

3.2 Ittra mis-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu Onor De Marco – F'din l-ittra giet proposta mill-Gvern sabiex tigi organizzata l-attivita' Il-Gimgha tal-Bnadar. Il-Gvern qed jipproponi li matul din il-Gimgha li se tkun mit-8 tal-15 ta' Settembru kull lokalita izzejjen il-bjut bil-bnadar. Il-Kunsill Lokali qabel li jiehu sehem f'din l-attivita u lest li jhajjar lir-residenti sabiex jaghtu s-sehem taghhom ukoll.

3.3 Ittra mill-Kumitat Centrali tal-kazin tas-Sagra Familja – Is-Sindku ressaq ittra minnghand is-Segretarju Generali tas-Socjeta Sagra Familja li kienet tittratta oggezzjoni mill-Kumitat Centrali tal-Ghaqda dwar kummenti li saru mill-Vici Sindku waqt il-marc tal-Ghaqda Muzikali San Guzepp is-Sibt lejliet il-Festa tal-Kalkara. Is-Sindku talab spjegazzjoni bil-miktub minnghand il-Vici Sindku.

## 4. **Approvazzjoni tal-Pagamenti**
Giet approvata l-lista ta' Pagamenti bir-referenza numru 02/09-10.

## 5. **Applikazzjoni ghad-devoluzzjoni tal-art fejn l-iskola primarja**
Is-Sindku ressaq lill-Kunsill il-pjanta li hadem is-Surveyor tal-area ghad-devoluzzjoni. Huwa zied jghid li mill-pjanta jidher li hemm il-fuq minn elf metru kwadru ta' arja. Fuq il-pjanta li ghandu jressaq il-perit, ic-centru ghandu jkun imqassam f'reception, ufficcju ghas-Sindku, Segretarja u l-Kunsilliera. Ghandu jkun hemm il-librerija, ic-centru tal-informatika, il-Berga, Childcare Centre, Sala ghall-kommunita' u l-possibilita ghal-centru matul il-jum ghall-Anzjani, u crafts room li tkun tista tintuza ghall-korsijiet. Fil-livell ta taht ikun hemm parking area u Gym kif ukoll jinbena bir taht it-triq li jibor l-ilma tal-inhawi. Dan huwa propost li jitlesta ghall-Jum il-Kalkara tas-Sena 2010. Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill ikun jista jiffinanzja dan il-progett

mid-dhul fuq ic-Cimiterju u l-arja ta' dan il-kumpless tibda xorta ghall-beneficcju tal-iskola primarja u tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku, sekondat mill-Kunsilliera Maria Sultana il-Kunsill qabel b'mod unanimu ghall-dan il-progett.

6a. **<u>Memo 47/2009 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf</u>**

Is-Sindku ressaq ghall-Kunsill korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-kompetizzjoni ghall-lokalitajiet indaf. Huwa qal li ghal din il-kompetizzjoni ghandu jsir appell lir-residenti b'mod generali waqt l-attivita tat-28 ta'Awwissu 2009.

Is-Sindku qal li huwa fassal pjan fejn kull kunsillier ikollu moniteragg tal-area moghtija lilu. Huwa semma wkoll li ghal din il-kampanja ser tinghata ghajnuna ta' 1000 ewro ghalhekk huwa ghamel appell lill-kunsilliera ghal xi ideat li jistghu jintuzaw ghal din il-kompetizzjoni.

6b. **<u>Memo 48/2009 – Skema Fondi Specjali</u>**

Is-Sindku ppropona zewg possibilitajiet ta' kif nistghu naghmlu uzu minn dawn il-fondi. Huwa qal li nistghu napplikaw biex titranga il-latrina pubblika tax-Xewkija kif ukoll il-possibilta' li tinbena latrina pubblika ohra fl-inhawi tal-bandli fejn il-kamra tad-drenagg ezistenti. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

7. **<u>Gemellagg</u>**

Is-Sindku semma li t-Taljani ta' Crespellano ghamlu kuntatt mieghu u dawn infurmawh li qieghdin jipproponu d-dati ta' bejn l-24 u s-27 ta' Settembru ghaz-zjara tal-Kunsill tal-Kalkara fi Crespellano. Is-Sindku semma wkoll li hemm problema tal-ajru minhabba li l-Airmalta ma tmurx Bologna f'dawk id-dati. Ghalhekk aktar dettalji dwar l-arrangamenti ghal din iz-zjara jinghataw aktar tard.

8. **<u>Jum il-Kalkara</u>**

Is-Sindku qal lill-Kunsill li ghall-Quddiesa ta' Ringrazzjament u l-kuncert muzikali ghandu jigi mistieden il-President tar-Repubblika George Abela. Il-preparamenti ghal din il-gurnata ghandhom jigu diskussi aktar il-quddiem.

**<u>Aggornament:</u>**

9.1.- <u>Il-Vici Sindku Norbert Grech ghadda dawn il-punti:</u>

a. Baghat ittra lill-3 persuni sabiex jiffurmaw is-Sotto Kumitat ghaz-Zghazagh.
b. Baghat ittra lill-3 persuni sabiex jiffurmaw is-Sotto Kumitat ghall-Isport.
c. Gie avvicinat minn persuna sabiex issir grada ghall-ghalqa li hemm fit-tarf ta' Triq San Leonardu minhabba li qieghed jintrema hafna skart fiha.
d. Issir manutenzjoni jew tinbidel l-iskip ta' Triq Santu Rokku minhabba li din hija bla ghatu u qed ikun hemm hafna hmieg mad-dawra taghha.
e. Terga titwahhal mera ohra minflok dik li kien hemm fi Triq Santu Rokku minhabba li dik tkissret minn Trakk.
f. Jinqata l-haxix hazin fi Triq Santu Rokku u jindaf il-kanal tal-ilma tax-xita ta' Triq San Leonardu.

g. Jissaqqew il-flower beds li hemm fil-Qasam bin ital-Gvern Rinella u Triq Santu Rokku fejn il-Bus Shelter.

9.2- Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:

a. Tinghata dehra isbah lid-dahla tal-Kalkara, bhal flower beds, 3 bnadar fill-gnien is-salvatur, funtana.
b. Ir-railing tat-tarag ta' Triq Santa Filumena ghadu jiccaqlaq.
c. M'humiex jissaqqew il-pots ta' Triq is-Sibi
d. Jitbattal il-bin ta' fejn il-bus shelter ta' Triq Santa Liberata.
e. Korsijiet tal-Ingliz, Malti u Empowerment skills ghan-nisa li jixtiequ jfittxu xoghol ser jibdew minn Ottubru.
f. Korsijiet dwar l-isport ghat-tfal tal-iskola wara l-hin.
g. Jitpogga r-railing mal-bahar tax-Xatt minhabba li qed ikunu ta' periklu ghat-tfal zghar.

9.3- Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

a. Talba biex ikun hemm bandla ohra (springer) ghat-tfal iz-zghar.
b. Talba ghall-mera fi Triq Guze Porsella Flores kantuniera ma triq Hbit mill-Ajru.
c. Talba ghall-Sleeping Police fi Triq il-Kapuccini qabel ma tinzel in-nizla fejn il-knisja.
d. Harga Kulturali ghall-Irgiel f'Ottubru.
e. Laqgha ghall-anzjani barra mill-lokal dwar separazzjoni ta' skart.
f. Harga ghall-anzjani u l-familja f'Ottubru jew Novembru.
g. Kors ta' tlett lezzjonijiet dwar kif isiru l-presepji mis-Sur Victor Darmanin.

9.4 - Il-Kunsillier Roderick Mizzi ghadda dawn il-punti:

a. Magna tal-ilma ghac-Centru tal-Informatika
b. Laqgha ghas-Sotto Kumitat dwar il-mafkar tal-gwerra nhar il-Hamis 28 ta' Awwissu fil-5.00p.m fl-ufficcju tal-Kunsill.
c. Il-Breakdance battle din is-sena ser tkun parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Kalkara minhabba li f'Awwissu l-grupp huwa mpenjat.
d. Issir manutenzjoni tal-bankijiet tal-pjazza fi Triq is-Salvatur.
e. Ilmenti minn nies li joqghodu fi Triq l-Ghassieli sabiex terga titpogga skip zghira li forsi tintrabat b'xi Katina sabiex ma tergax tinsteraq.

Is-Seduta tal-Kunsill spiccat fit-8.30 ta' filghaxija.

M.Cohen
Sindku

S. Galea Iriele
Seg Ezekuttiv